MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 225/2005

**Christian Vella ID 286782(M) u b'digriet tat-Tribunal tat-3 ta' Marzu, 2005 gie ordnat li wara isem l-attur jidhol**
**l-isem ta' Andrew Vella ID 333146(M)**

**Vs**

**Francis Camilleri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tmien mija u disgha u hamsin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm859.77c) rapprezentanti hsarat sofferti mill-atturi f'kollizjoni li sehhet fit-Telgha tal-Mizieb, il-Mellieha nhar it-23 t'Ottubru, 2004 bejn il-vettura bin-numru ta'

registrazzjoni AAD 168 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAT 169 proprjeta' ta' l-attur Andrew Vella.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi preliminarjament l-attur m'ghandux interess guridiku mehtieg sabiex jistitwixxi jew imantni l-proceduri odjerni stante li l-attur mhux il-proprjetarju tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAT 169 involuta fl-incident *de quo*. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez. In kwantu l-incident *de quo* ma garax tort tal-konvenut izda bi htija ta' l-attur. Ghalhekk m'hemmx danni x'jigu llikwidati favur l-attur. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess l-attur ghandu jgib prova tad-danni minnu pretizi.

Ra li l-kawza originarjament giet istitwita biss minn Christian Vella izda b'digriet tat-3 ta' Marzu, 2005 it-Tribunal awtorizza li jidhol ukoll bhala ko-attur lil Andrew Vella.

Ra li fis-seduta tal-21 t'April, 2005 il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni.

Sema' x-xhieda ta' Warden G O99 Mario Galea, Andrew Vella, Christian Vella u ta' Francis Camilleri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Joanne Vella Cuschieri ghall-atturi u ta' Dr Edward Saliba ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAT 169 hija proprjeta' ta' l-attur Andrew Vella li dakinhar ta' l-incident kienet qieghda tigi misjuqa mill-attur Christian Vella. L-incident gara l-Mizieb, jigifieri f'dik it-triq li taghti mill-Mellieha ghat-triq li taghti ghall-Golden Bay – bejn wiehed u iehor f'nofsha.

Christian Vella kien sejjer lejn il-Mellieha, mentri l-konvenut kien gej mill-Mellieha.  L-incident sehh f'*country lane* li tisserrep kif anki jidher evidenti mill-i*sketch* li gie esebit a fol 52 tal-process.

Vella jghid illi fil-hin li sehh l-incident huwa kien ra l-vettura tal-konvenut gejja fid-direzzjoni opposta u malli raha huwa waqaf izda l-iehor baqa' gej u dahal fih.  Vella qal li kien tiela' w ovvjament l-iehor kien niezel.  Huwa jzid jghid illi wara l-incident il-konvenut ammetta mieghu li ma kienx induna bil-vettura tieghu ghax ix-xemx ghammietu.

Il-konvenut jghid illi huwa verament kien qed isuq fid-direzzjoni opposta izda qabel il-post fejn sehh l-incident kien hemm dawra u jammetti illi huwa u qed idur mad-dawra kien qed isuq *wrong side*.  Malli nnota l-vettura misjuqa minn Vella gejja fid-direzzjoni opposta huwa pprova jigbed lejn in-naha tax-xellug tieghu izda xorta wahda l-kollizjoni sehhet.  Huwa ma setax jghid jekk il-vettura l-ohra kienetx miexja jew wieqfa fil-mument li sehh l-incident u mistoqsi biex jghid jekk dakinhar ta' l-incident kienx ammetta ma' Vella li ma ndunax bil-vettura qabel ma kien tard wisq minhabba li kellu x-xemx f'ghajnejh, huwa qal li ma setax jiftakar li qal dan id-diskors.
It-Tribunal ezamina l-*handwritten sketch* li jinsab esebit a fol 39 tal-process u r-ritratti mehudin mill-Warden a fol 31 sa 33 tal-process.  It-triq fejn sehh l-incident in kwistjoni hija 4.5 metru wiesgha u min-naha tal-lemin tal-vettura ta' l-attur huwa kien minn quddiem 2.3 metri 'l boghod min-naha tal-lemin ta' quddiem u min-naha ta' wara kien 2.6 metri 'l boghod.  Dan ifisser li hu kien qieghed kompletament fuq in-naha tieghu tat-triq.  Da parti tal-konvenut, il-vettura tieghu spiccat ftit angolata, fis-sens illi minn quddiem kien metru 'l boghod min-naha tax-xellug tieghu, mentri minn wara kien 1.7 metru 'l boghod min-naha tax-xellug tieghu li jikkombacja perfettament li ftit qabel l-incident kien *wrong side* u kien qed jipponta lejn in-naha tax-xellug.

It-Tribunal jidhirlu li l-kawza unika ghall-kollizjoni in kwistjoni kienet illi ftit qabel l-incident il-konvenut kien qieghed isuq *wrong side*.  It-Tribunal jemmen li fil-mument

li attwalment sar l-impatt bejn iz-zewg vetturi, l-vettura misjuqa mill-attur kienet wieqfa u li kienet il-vettura tal-konvenut li baqghet diehla gol-vettura ta' l-attur. Waqt ix-xhieda tieghu l-konvenut indika l-wisa' tal-vettura tieghu, izda jekk wiehed jghodd dan il-wisa' mad-distanza li huwa spicca min-naha tax-xellug tieghu xorta jigi li huwa spicca *wrong side* u l-fatt li kien angolat ifisser ukoll illi qabel l-incident kien aktar *wrong side* u qatt ma messu kien fuq in-naha l-hazina tat-triq, partikolarment f'dik it-tip ta' triq meta ghandek *blind corner* u meta jirrizulta illi l-vizwali tal-konvenut ma tantx kienet tajba ghax kellu x-xemx qieghda taghmih.

Illi ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi kien hemm hames mija u sitta u hamsin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm556.77c) imhallsin lil I.M.P (Malta) Limited flimkien ma' mitejn u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm253) *labour* u *spray painting*. Oltre dawn kien hemm hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) riparazzjoni ta' l-*air conditioner* li ghalhekk komplessivament jammontaw ghal tmien mija w erbgha u tletin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm834.77c).

F'din il-kawza l-atturi qieghdin jitolbu tmien mija u disgha u hamsin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm859.77c) u b'Nota tal-10 ta' Jannar, 2006 it-talba giet ridotta ghal tmien mija u disa' liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm809.77c).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u konsegwentement jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u disa' liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm809.77c) bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-Avviz u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------